## XEWQA

Lil A. Buttigieg u Ġ. Pisani wara li qrajt il-kotba tagħhom *"Fanali bil-lejl"* u l-*"Waltz tad-Dellijiet"*.

*Mid-dinja ma rrid xejn. Irrid nismagħkom,*
*Poeti kbar tal-gżira kollha ħdura,*
*Tgħannuli lejl u nhar, bil-leħen tagħkom,*
*Il-għanja misterjuża tan-Natura.*

*Għidul kif iżernaq kull filgħodu*
*U kif il-lejl jissaħħar bil-fanali.*
*Kellmuni fuq dan biss: il-kliem nobogħdu*
*Li jgħidu n-nies għajjura, kollhom għali.*

*Nirtieq fuq biċċa blata ta' dil-gżira*
*Ninqatgħu t-tlieta mal-mewġiet ġerrejja*
*Biex toħroġ l-għanja ħielsa, l-għanja kbira*
*Li jgħannu b'qalb żagħżugħa t-tliet għannejja.*

*Hekk nibqgħu naqdfu 'l bogħod, u ma' kull riħ*
*Inxerrdu l-għana ħelu u sabiħ.*

Dun Frans Camilleri.

---

## ĠMIEL

*Sabiħ il-lejl meta minn wiċċ il-qamar*
*Itfur id-dija,*
*U l-qiegħ tas-sema ċar ileqq bil-kwiekeb*
*Fil-jiem sajfija.*

*Sabiħ il-ward fi ġnien ta' xi sultana*
*Tal-lvant, żagħżugħa,*
*Jgħammex bl-ilwien, bil-fwieħa jħoll is-sensi*
*Għall-ħolm u l-frugħa.*

*Sabiħ il-baħar twil li fuqu jimraħ*
*Bajdani l-qlugħ,*
*Wiesgħa, bla truf, ħieles, bla rażan, f'saħħtu*
*Qawwi, miftuħ.*

*U sbieħ l-għajnejn iż-żoroq u t-tbissima*
*Tiegħek, ħanina,*
*Sabiħa l-fawra li minn qalbek toħroġ*
*Fi mħabba bnina.*

18. viii. '49. W. Gulia.